# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39/09

**Il-Ħamis 30 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Andrew Dalli – Viċi Sindku
Maria Bailey Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

39.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

39.4 Jum il-Gudja 2026 (Post Mortem);

39.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement għas-sena 2025;

39.6 SPI/SCI/06/2026: Finanzjament Karnival 2027;

39.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

39.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

39.9 Rapporti;

39.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

39.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u ħamsa ta' filgħaxija (5:05pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 39.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija mill- Viċi Sindku , is-Sur A. Dalli u mill-kunsilliera is-Sa. Maria Micallef Bailey. Dawk preżenti approvaw dawn iż-żewġ apoloġiji.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 37/09 nem con.

**39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

39.3.1 Is-Sindku preżenta l-kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' cctv camera fi Triq il-Kbira (quddiem il-Knisja). Il-Kwotazzjoni tammonta għal madwar 1,600Eur. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għalissa din il-materja tibqa' pendenti.

39.3.2 Is-Sindku għamel referenza għall-kwotazzjonijiet li nġiebu biex jinxtraw u jiġu installati tlett bankijiet ġodda f'wieħed mis-soft areas tax-Xlejli. Il-Kunsill approva li jixtri dawn il-bankijiet u morru għall-irħas offerta.

39.3.3 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jerġa jagħmel tfakkira lill-uffiċjali ta' TM dwar il-problema li qed tinħoloq fi Triq Santa Marija li tagħti għal pjazza.

39.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien bgħat id-dokumenti kollha relatati mall-binja tal-Kunsill lill-Ministeru ikkonċernat sabiex jkunu jisgħtu jiġu allokati l-fondi neċċessarji biex jsir l-akkwist ta' din il-propjeta.

39.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien avviċina lil persuna li togħqod il-Gudja sabiex isir filmat fuq il-Gudja u jintuża l-Innu tal-Gudja fil-background. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill għamel it-talba ma' TM biex Triq Bir Miftuħ ikollha speed limit sabiex b'hekk il-pulizija tkun tista' tintervjeni bl-speed guns biex jitnaqqas is-sewqan aċċessiv f'din it-triq.

39.3.7 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jibgħat lill-Kunsill ta' Ħal-Għaxaq biex fejn d-dar tal-anzjani li hemm ġewwa Ħal-Għaxaq isir stage ta' tal-linja fil-qrib peress li hemm ħafna nies mill-Gudja li jżuru l-familjari tagħhom f'din id-dar. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.8 Is-Sindku propona sabiex għal sena oħra, l-Kunsill jgħin finzjarjament bis-somma ta' 500Eur lill kull għaqda (tlett għaqdiet tal-festa) għal spejjez relatati mall-festa ta' Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.9 Is-Sindku propona sabiex għal sena oħra, il-Kunsill joffri l-ġelat u flixken tal-ilma għal waqt festa tfal. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.10 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa għall-festa ta' Marija Bambina ġewwa Xagħra, Għawdex nhar it-8 ta' Settembru. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.11 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jorganizza riċeviment żgħir lill-għaqdiet tal-lokal. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.12 Ġiet preżentata kwotazzjoni sabiex isir ftehim ġdid biex tinbidel il-photocopier u jsir leasing agreement għal ħames snin. Dawk preżenti approvaw li l-Kunsill jiffirma dan il-ftehim.

39.3.13 Ġiet preżentata korrispondenza dwar l-attivita tal-European Sport Week. Dawk preżenti qabblu li l-Kunsill japplika biex jorganizza attivita sportiva matul ix-xahar ta' Settembru.

39.3.14 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill tkellem mall-iskola St.Joan Antide sabiex il-Kunsill jagħmel użu mis-sala tal-iskola biex isiru l-klassijiet tal-yoga minn Ottubru 2026. L-iskola tablet is-somma ta' 10Eur kull darba li nikru din is-sala, i.e 100Eur għal għaxar sessjonijiet. Dawk preżenti qabblu li l-Kunsill jħallas din l-ispiża u l-ħlas għal min jattendi jkun ta' 20Eur għal 10 sessjonijiet ta' yoga.

39.3.15 Is-Sindku propona sabiex għal 11 ta' Awwissu, il-Kunsill jordna bukkett fjuri lil kull kunsillier biex jiġu preżentati quddiem l-istatwa ta' Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.16 Ġie preżentat ir-rapport li sar minn naħa tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Lulju 2026. Il-Kunsilliera C.Chetcuti tablet biex dan ir-rapport jingħata iktar attenzjoni fil-laqgħa li jmiss.

39.3.17 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sindku rċievew stedina biex jiltaqgħqu mall-Papa bejn l-20 u 22 ta' Ottubru 2026. Is-Sindku wera xewqa li jaċċetta din l-istedina. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ser ikun qed iħallas għall-akkomodazzjoni u l-biljetti tal-ajru. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.3.18 Ġiet preżentata korrispondenza dwar il-proġett D.I.R.E fejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja ser ikun qed jospita żewġ delegazzjonijiet minn barra minn Malta. Is-Segretarja tal-Kunsill nfurmat lil dawk preżenti li kellha laqgħa mall-kordinatur tal-proġett u talbu sabiex jinstabu dati għal konferenza li ser isir f'Malta. Il-Kunsill qabel li l-konferenza ssir bejn id-9 u 12 ta' Novembru 2026. Għal din l-konferenza ser jiġu mistienda tfal mill-Gudja li għandhom bejn is-6 u t-12 – il sena bil-familja tagħhom biex jipparteċipaw fil-konferenza f'Malta u kif ukoll fil-konferenza li ser isir ġewwa l-Italja fix-xahar ta' Marzu. Il-Kunsilliera C.Chetcuti proponiet li l-Kunsill jinforma l-ewwel lil dawk it-tfal li jipparteċipaw fil-laqgħat organizzati mill-Kunsill u l-kordinaturi tal-proġett RIGHTS. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**39.4 Jum il-Gudja 2026 (Post Mortem);**

Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja rringrazzja lill-volontiera kollha u lil dawk kollha nvoluti li ħadmu matul il-Lejla Sajfija u Jum il-Gudja 2026, sabiex dawn l-attivitajiet segħtu jsiru u jkunu ta' suċċess. Il-Kunsillier S.Caruana qal li għal darb'oħra nieħdu ħsieb li żuntier ikun nadif u minkus sewwa. Il-Kunsilliera C. Chetcuti proponiet li l-Kunsill javża lil dawk l-individwi li ser ikunu ħa jieħdu rikonoxximenti meta nistiednuhom. Is-Sa. Chetcuti proponiet ukoll l-Kunsill joħroġ avviż/sejħa għall-proponimenti għal Ġieħ il-Gudja. Dwar dawn il-proponimenti, kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**39.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement għas-sena 2025;**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**39.6 SPI/SCI/06/2026: Finanzjament Karnival 2027;**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni dwar Skema SPI/SCI/06/2026 Finanzjament – Karnival 2027 fejn propona sabiex il-Kunsill għal sena oħra jerġa' japplika għal din l-iskema biex titella' attivita' tal-Karnival fil-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**39.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

39.7.1 Il-Kunsilliera C.Chetcuti propniet sabiex għal sena oħra ssir quddiesa lit-tfal għal bidu ta' sena skolastika ġdida. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

39.7.2 Il-Kunsillier S.Caruana reġa' talab sabiex il-Kunsill jaħdem fuq il-proġett ta-fanali fi Triq R.Caruana.

**39.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

**39.9 Rapporti;**

Nil

**39.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 26/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-kunsilliera C.Chetucti u sekondata mill-Kunsilliera S.Caruana għall-ammont totali ta' €31,160.93 u ġiet approvata nem con.

**39.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 17 ta' Awwissu 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv